

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) K-Swiss, Inc. hija kundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 65, 23.2.2015.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Novembru 2015 – Švyturys-Utenos Alus vs UASI – Nordbrand Nordhausen (KISS)

(Kawża T-360/14) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tittieħed deċiżjoni")

(2016/C 027/70)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Švyturys-Utenos Alus UAB (Utena, il-Litwanja) (rappreżentanti: R. Žabolienė u I. Lukauskienė, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: M. Rajh, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Nordbrand Nordhausen GmbH (Nordhausen, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Dürchs, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' Marzu 2014 (Każ R 1302/2013-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nordbrand Nordhausen GmbH u Švyturys-Utenos Alus UAB.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tittieħed deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Švyturys-Utenos Alus UAB u Nordbrand Nordhausen GmbH huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll, kull waħda minn hom, nofs dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

⁽¹⁾ ĠU C 253, 4.8.2014.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tas-27 ta' Novembru 2015 – L-Italja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-636/14) ⁽¹⁾

("Sistema lingwistika — Avviż ta' pożizzjoni vakanti għal pożizzjoni ta' Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni — Rekwiżiti lingwistiċi li jinsabu fil-modulu ta' preżentazzjoni online tal-kandidaturi — Allegata diverġenza mal-avviż ta' pożizzjoni vakanti ppubblikat fil-Ġurnal Ufficijali — Rikors manifestament infondat fid-dritt")

(2016/C 027/71)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato)